# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 234/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Adam SALEH**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 t'Ottubru 2020 fil-konfront ta' Adam SALEH bin-numru tar-REFCOM 26504 u n-numru tal-Pulizija 19H-129 li ġie mixli talli (in suċċint) fil-21 ta' Ġunju 2020 f'dawn il-Gżejjer:
    i. Ikkaġuna att ta' natura sesswali fis-sens tal-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fuq il-persuna ta' Caroline Farrugia;
    ii. Ikkaġuna biża lil Caroline Farrugia li kienet se tintuża vjolenza kontriha fis-sens tal-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali;

    Il-Qorti ġiet, inter alia, mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fis-sensi tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li qieset l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat appellat sabitu ħati tar-reati li bihom ġie mixli filwaqt li kkundannatu għall-piena t'erba' snin priġunerija. Minbarra l-provvedimenti fis-sensi tal-artikoli 383 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet ukoll is-segwenti :

> Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fir-rigward biss għal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż. Hija targumenta li kuntrarju għal dak miktub fis-sentenza, ħarsa lejn il-verbal tal-10 ta' Settembru 2020 juri li dik il-Qorti kienet ħatret lil Dr. Lennox Vella sabiex issir traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat appellat. Fil-fatt din kienet saret u tinsab eżebita a fol 39 tal-atti proċesswali. Tgħid li meta jinħatar espert il-Qorti għandha tikkundanna lill-ħati għall-ħlas relatat, u dan il-ħlas mhux diskrezzjonarju fuq il-Qorti. B'hekk dik il-Qorti kellha tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż inkorsi f'dan il-każ.

4. Għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fejn ikkundannatu għall-piena t'erba snin priġunerija filwaqt li tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ġie dikjarat li ma kien ġie mqabbad ebda espert u b'hekk ma kienx hemm spejjeż inkorsi u minflok tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż inkorsi mill-espert Lennox Vella.

5. L-appellat minn naħa tiegħu jargumenta li dan l-appell kien jirrażenta l-fieraħ tenut kont tal-fatt li l-appellant kien ġie kundannat għal erba' snin priġunerija mentri t-talba tal-Avukat Ġenerali kienet fuq ammont ta' spejjeż minimi. Apparti dan l-appellat jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) kellha l-atti quddiemha meta hija emanat is-sentenza u għalhekk qieset li f'dan il-każ, il-ħatra ta' Dr. Lennox Vella, għalkemm kienet ritenuta meħtieġa minnha, xorta waħda qisitha bħala mhux intaxxabbli kontra l-appellat.

## Ikkunsidrat

6. Illi huwa minnu li l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li

> (1) Meta l-kawża ssir (mill-Avukat Ġenerali jew)[1] mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

7. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jason Sciberras** deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-21 ta' Jannar 2016, intqal li dan l-artikolu kien jagħmel sens in kwantu:

> l-ispejjez imhallsa mir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni mal-investigazzjoni li issir mill-Inkwirenti u wara mill-Qorti sabiex tinkixef il-verita biex b'hekk ikun possibbli illi issir gustizzja ma ghandhomx ikunu ta' piz fuq l-erarju pubbliku meta ghal kummissjoni ta' dak il-fatt illecitu ikun jahti individwu/i partikolari.

8. Mill-banda l-oħra fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Darren Brincat, deċiż ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Settembru 2017, intqal ukoll li :

> Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi meta l-hatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita' ghall-dik il-procedura, jew meta il-konkluzzjonijiet tieghu ikunu fin-negattiv, il-hati ma ghandux ikun ikkundannat ghal-ispejjez inkorsi f'dik il-hatra. Ghalhekk jokkorri li jkunu ezaminati l-atti sabiex ikun accertat jekk u min kienu l-esperti mahtura sal-istadju qabel l-ammissjoni tal-appellant u jekk dawn kienux ta' utilita' fil-kawza kontra tieghu;

[1] Din is-silta ġiet imqegħda minn din il-Qorti fil-parenteżi in kwantu ma kienetx għadha ġiet introdotta fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

9. Din il-Qorti rat ukoll l-insenjament tal-Imħallef William Harding fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Vincent Cacciattolo deċiż nhar is-6 t'April 1948 fejn stqarr ukoll is-segwenti :

> Il-miżura tal-kundanna (tal-ispejjeż)[2] fit-totalita jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni tal-imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu : imma ċertament, fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tkun gwidata minn ċerti kriterji, bħalma huma :- (a) ix-xorta u ċ-ċirkostanzi kollha tad-delitt; (b) jekk l-ispejjeż tal-perizja ikunux ta' xorta tali li kienu dejjem isiru, anki apparti l-proċess kontra l-akkużat, jew jekk jikkonnettux ruħhom anki mar-responsabilita ta' l-akkużat partikolari u ta' x'hix għandu jirrispondi; (c) jekk il-prova peritali kienetx assolutament neċessarja jew setgħetx ma ssirx, jew issir aktar ekonomikament, kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant ġustifikata ta' l-inkariku.

10. F'dan il-każ din il-Qorti rat il-verbal fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2020 fejn jirriżulta li in eżekuzzjoni tar-rekwiżit numru 3 fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali datata fil-jum ta' qabel, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħatret lil Dr. Lennox Vella sabiex jagħmel traskrizzjoni tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat appellat skont kif kontenuta fid-dokument eżebit a fol 12 – ossija d-DVD kontenenti l-istqarrija awdjo-viżiva rilaxxjata mill-appellat fit-22 ta' Ġunju 2020.

11. Mhux qed jiġi kontestat l-utilita' tat-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni awdjo-viżiva għal dawk li jkunu jridu janalizzaw il-proċess kollu. Bla dubju ta' xejn, it-traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva tal-interrogat hija għodda li tiffaċilita l-proċess tal-analiżi ta' dak li jkun intqal fl-istess stqarrija awdjo-viżiva. Naturalment din it-traskrizzjoni trid tikkumplimenta u ssegwi l-viżjoni preċedenti tal-istess stqarrija minn min ikun qed janalizza tali stqarrija, in kwantu r-reġistrazzjoni awdjo-viżiva tipprovdi evidenza ħajja ta' dak li l-interrogat, ikun qal in kwantu jkun fiha diversi fattezzi – fosthom il-body language tal-interrogat, it-tonalitajiet tal-vuċi, il-qagħda, d-dehra u l-poża tiegħu, il-mod kif jirrispondi, il-pawżi, il-mod kif jitkellem, il-mod kif ipoġġi l-kliem, l-enfażi li forsi jista' jagħti għal ċerti espressjonijiet jew il-mod kif jipprova jaħrab li jwieġeb ċerti mistoqsijiet jew li jiddevja l-attenzjoni tal-interrogant eċċetra eċċetra - u li bl-ebda mod dawn il-fattezzi ma jistgħu jinqabdu b'mod daqstant effiċjenti fit-traskrizzjoni ta' dak l-interrogatorju. Iżda jibqa' l-fatt li għal min ikun irid janalizza l-proċess, wara li jkun ħa konjizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva, bla dubju ta' xejn iqis it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni bħala għodda utli ħafna fir-reviżjoni ta' dak li jkun mistqarr fiha awdjo-viżwalment.

---

[2] Silta miżjuda minn din il-Qorti għall-fini ta' kjarezza.

12. Biss jibqa' l-fatt li skont l-artikolu 355AUA(8)(d) tal-Kodiċi Kriminali :

> Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:
>
> l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħatawgħaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata,għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hupossibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali uf'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmetl-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix provali r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. **<u>M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali</u>**,[3] lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali.

13. Iġifieri bis-saħħa tal-Liġi stess, ladarba tkun ġiet prodotta r-reġistrazzjoni awdjo-viżiva bħala prova fl-atti, m'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tal-istess reġistrazzjoni meta din tkun użata fi proċeduri fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali.

14. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li, għalkemm il-prattika tat-traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva hija ta' utilita' u tgħin bis-sħiħ lil min ikun irid jaqra u janalizza l-proċess, mill-banda l-oħra mhix meħtieġa li ssir bis-saħħa tal-Liġi stess. B'hekk din il-Qorti ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li ma kienx hemm spejjeż li setgħu jiġu akkollati lill-imputat appellat f'dawn il-proċeduri. Għalkemm forsi għal raġuni differenti minn dik mistqarra mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, jibqa' l-fatt li l-konklużjoni tagħha kienet waħda korretta in kwantu ġaladarba l-Liġi stess tgħidlek li m'hemmx għalfejn li ssir traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax imbagħad takkolla l-piż ta' l-ispejjeż tal-istess traskrizzjoni fuq l-imputat una volta dan ikun ġie misjub ħati tar-reati kontestati lilu.

15. F'dan is-sens, allura ġaladarba din it-traskrizzjoni mhix meħtieġa li ssir bilfors bis-saħħa tal-Liġi, jkun ifisser li parti li tkun trid li ssir tali traskrizzjoni tkun trid tipprovdi hi jew tħallas minn butha l-ispejjeż sabiex issir tali traskrizzjoni. Iżda ma tistax imbagħad tippretendi li

[3] Enfażi miżjuda.

l-ispejjeż għal tali traskrizzjoni jbagħtihom l-imputat li eventwalment jiġi misjub ħati.

# Deċide

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**